

V

(Avviżi)

PROCĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.5598 – Dragados/Pol-Aqua Group)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/C 197/07)

1. Fit-13 ta' Awwissu 2009, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Dragados S.A. ("Dragados", Spanja), li hija proprjetà ta' Actividades de Construcción y Servicios, S.A. ("ACS Group", Spanja) takkwista, skont l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll sħiħ tal-impriża Przedsiębiorstwo Robót Inżynieryjnych "Pol-Aqua" S.A. ("Pol-Aqua Group", il-Polonja) permezz ta' offerta pubblika mħabbra fit-30 ta' Lulju 2009.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:
 - għal Dragados: Bini, attivitajiet ta' tħammil, xogħlijiet ċivili, konċessjonijiet relatati ma' toroq u ferroviji,
 - għal Pol-Aqua Group: Servizzi ta' bini fl-ambitu tal-inġinerija, trattament tal-ilma, toroq u pipelines.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ ta' min jinnotta li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301 jew 22967244) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5598 – Dragados/Pol-Aqua Group, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32.